MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Numru 9999/2003

**Il-Pulizija**
(Spettur Marthese Micallef)
**Vs**
**Eugenio Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Eugenio Vella ta` 40 sena bin Anthony u Carmela nee' Farrugia imwieled Siggiewi fil-25 ta` Mejju 1959 u residenti 49, Flat 6, Ecpon Flats, Triq is-Sajjieda, M`Scala, u detentur tal-karta ta` l-Identita 349259M.

a) Talli fl-1 ta` Settembru 1999 fi Triq Mater Boni Konsilji, Fgura ghal habta ta` 11.00am kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b`ghajjat, storbju, glied jew mod iehor;

b) talli fl-istess hin, data u cirkostanzi heddet u ingurja bil-kliem lil Charles Sammut, lil Mary Vella u lil Rosaria Pace

c) talli fl-istess hin, data u cirkostanzi dhalt fir-residenza ‘Juslam’ Mater Bon Konsilji Street Fgura fejn toqghod Rosaria Pace minghajr il-kunsens tas-sid

d) talli kiser is-sentenza moghtija mill-Magistrat Carol Peralta LL.D datata fil-5 ta` Mejju 1999.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat l-atti u dokumenti esebiti

Rat li fis-seduta ta` illum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih. Issibu hati.

Rat l-Artikolu 339 (1) (e) (o) kif ukoll li l-akkuzat kiser sentenza moghtija fil-5 ta` Mejju 1999 u l-Artikolu 22 tal-kap 446.

Tiddeciedi li tapplika l-ahhar Artikolu billi l-akkuzat u martu qed jersqu ghar-rikonciljazzjoni.

Ghalhekk fil-waqt li ssibu hati tilliberah taht l-imsemmi Artikolu 22 tal-kap 446, b`dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur m`illum. Il-Qorti qed tfisser lill-hati l-import ta` din is-sentenza skond kif mitlub mill-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------